# Is-Sittax-il Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Niġbor il-bqija tan-nagħaġ tiegħi, u nqiegħed fuqhom rgħajja.*

Ġer 23, 1-6

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**

Dan jgħid il-Mulej: [1]«Gwaj għar-rgħajja li jeqirdu u jxerrdu l-merħla
tal-mergħa tiegħi - oraklu tal-Mulej.

[2]Għalhekk dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael, lir-rgħajja, li jirgħu
l-poplu tiegħi: Intom xerridtu n-nagħaġ tiegħi, gerrixtuhom u ma
ħadtux aktar ħsiebhom. Arawni, se naħseb fikom jien minħabba
l-ħażen ta' għemilkom - oraklu tal-Mulej.

[3]U jiena niġbor il-fdal tan-nagħaġ tiegħi mill-artijiet kollha li
xerridthom fihom, u nreġġagħhom lura lejn il-mergħa tagħhom,
u jnisslu u joktru. [4]U nqiegħed fuqhom rgħajja li jirgħuhom, u ma
jitbeżżgħux aktar, ma jitwaħħxux; u ħadd minnhom ma jonqos -
oraklu tal-Mulej.

[5]Araw, għad jasal żmien - oraklu tal-Mulej - meta nqajjem lil David
rimja ġusta, li jsaltan ta' sultan, u jmexxi bil-għaqal u jagħmel
is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż. [6]Fi żmienu Ġuda jkun salv, u Iżrael
jgħammar fiż-żgur. U dan hu l-isem li jsejħulu: Il-Mulej is-Sewwa
tagħna.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6

R/. (1): Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni

1 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi,
xejn ma jonqosni;
2 f'mergħat kollha ħdura jqegħedni.
Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni;
3 hemm hu jrejjaqni. R/.

Imexxini fit-triq tas-sewwa
minħabba l-isem tiegħu.
4 Imqar jekk nimxi f'wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek,
huma jwennsuni. R/.

5 Int tħejji mejda għalija
quddiem l-għedewwa tiegħi.
Biż-żejt tidlikli rasi,
u l-kalċi tiegħi tfawwarli. R/.

6 Miegħi, iva, jimxu t-tjieba u l-ħniena
il-jiem kollha ta' ħajti
U ngħammar f'dar il-Mulej
sakemm indum ħaj! R/.

# Qari II

*Hu l-paċi tagħna, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed.*

Efes 2, 13-18

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

Ħuti, [13]imma issa, fi Kristu Ġesù, intom, li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu.

[14]Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed,
billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna - il-mibegħda ta' bejnietna - u ħassar
bis-sagrifiċċju ta' ġismu [15]l-Liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha.
Mit-tnejn, ried b'hekk joħloq bih innifsu bniedem wieħed, il-bniedem
il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom [16]u jħabbibhom
it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered
il-mibegħda ta' bejniethom.

[17]Imbagħad ġie jħabbar is-sliem, sliem lilkom li kontu fil-bogħod,
u sliem lil dawk li kienu fil-qrib. [18]Permezz tiegħu, it-tnejn li aħna
għandna bi Spirtu wieħed id-dħul għal għand il-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 10, 27

Hallelujah. R/. Hallelujah
In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni,
u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj.*

Mk 6, 30-34

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F’dak iż-żmien, [30]l-appostli reġgħu ġew ħdejn Ġesù u qalulu kull
ma kienu għamlu u għallmu. [31]U hu qalilhom: «Ejjew miegħi intom
biss weħidkom f’xi post imwarrab, u strieħu ftit.» Għax tassew, kien
hemm ħafna nies ġejjin u sejrin, u anqas żmien biex jieklu ma kienu
jħallulhom.

[32]Marru mela bid-dgħajsa weħidhom lejn post imwarrab, [33]imma
n-nies rawhom sejrin; kienu ħafna dawk li għarfuhom, u telqu jiġru
’l hemm bil-mixi, nies mill-ibliet kollha, u waslu qabilhom.

[34]Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta’ nies u tħassarhom,
għax kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad
jgħallimhom ħafna ħwejjeġ.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu